

31992R3180

L 317/64

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.10.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3180/92**tat-28 ta'Ottubru 1992****li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1039/92 ⁽²⁾ u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġett riferut fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessi mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija xierqa li l-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li m'humiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu, taħt id-dispożizzjonijiet

ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 ⁽³⁾ għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 ⁽⁴⁾;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament, huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta'Ottubru 1992.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 110, tat-28.4.1992, p. 42.

⁽³⁾ ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

L-ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Sub-assemblea biex tkun inkorporata f'forn microwave li tikkonsisti minn printed circuit board li fiha power supply u funzjonijiet loġiċi f'unit wieħed. Il-power supply jinkludi transformer, voltage rectifier u ċirkwit ta' regolazzjoni. Il-board ukoll tħaddem ċirkwit li jħoss it-temperatura u apparat ta' audio timing. Il-unit ukoll fih arloġġ u huwa mgħaqqad ma' parti ta' tilar tal-metall, li jipprovdni protezzjoni kontr n-nar u insulation elettrika biex tipproteġi l-utent, li huwa wkoll parti mill-istruttura tal-forn innifsu.</p>	8537 10 99	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura magħquda, min-Nota 2 (a) tat-Taqsima XVI, kif ukoll it-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8537, 8537 10 u 8537 10 99.</p>